**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Hugh P. Zammit *noe*

*versus*

William Drago

## Danni - Inċident Awtomobilistiku - *Main Road* - Obbligi ta' Sewwieq li Jidħol f'*Main Road*

*Din il-Qorti hi tal-fehma illi r-reazzjoni tal-konvenut fil-każ taħt ezami dakinhar stess li l-attur ikkommetta l-att spoljattiv tiegħu ma tistax ma titqiesx li kienet waħda immedjata reattiva fil-kuntest ta' l-istess inċident uniku appena li l-konvenut seta' jaċċerta ruħu li seta' jagixxi b'mod li jevita konfrontazzjoni fiżika kif kellu kull*

*dritt, jekk mhux dover, li jagħmel.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irrevokat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u sabet għar-responsabbilità tal-konvenut.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell tas-soċjetà assiguratriċi attriċi minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-22 ta' Marzu, 1996, li sabet lis-sewwieq tal-vettura ta' l-assigurat tagħha unikament responsabbli għall-inċident stradali meritu tal-kawża u konsegwentement ċaħdet it-talbiet tagħha kontra l-konvenut. Din hi s-sentenza appellata:

"Dina hija kawża dwar ħabta bejn żewġ karozzi:

Il-ħabta ġrat fil-5 ta' April, 1990, fi Triq il-Kbira, H'Attard bejn il-karozza L-5616 misjuqa mill-konvenut u l-karozza numru E-4504 assikurata mas-soċjetà assikuratriċi attriċi. L-attur *nomine* qiegħed jgħid li l-ħabta ġrat bi ħtija tal-konvenut u għalhekk qiegħed jitlob li l-Qorti, wara li tgħid li l-konvenut waħdu jaħti, tgħid li d-danni li għalihom għandu jagħmel tajjeb huma ta' tliet mija u disgħin lira u ħames ċenteżmi (Lm390.05), jew somma aktar korretta u tikkundanna lill-konvenut iħallas dawn id-danni flimkien ma' l-ispejjeż u l-imgħaxijiet;

Għal dawn it-talbiet il-konvenut wieġeb li l-ħabta ġrat bi ħtija ta' l-assikurat ta' l-attur *nomine*, li ma kienx qed iżomm *proper look-out*;

Wara li rat ix-xhieda fil-proċess u r-relazzjoni tal-perit legali, il-Qorti żammet aċċess fuq il-post u setgħet tara aħjar il-

konfigurazzjoni tat-triq fejn ġrat il-ħabta. L-iskizz esebit fol. 50 huwa rappreżentazzjoni tajba tal-post ta' l-inċident. Il-karozza misjuqa mill-assikurat ta' l-attur *nomine* hija dik murija n-numru (1) u dik misjuqa mill-konvenut hija murija bin-numru (2);

Il-karozza assikurata ma' l-attur *nomine* kienet għaddejja minn Triq il-Kbira min-naħa tat-triq tar-Rabat sejra lejn l-Għassa tal-Pulizija ta' H'Attard. Il-konvenut kien riesaq lejn Triq il-Kbira minn Triq Tommaso Dingli, mal-ġenb tal-Knisja Parrokkjali. Hekk kif il-konvenut kiser lejn ix-xellug tiegħu minn wara z-zuntier, il-karozzi ġew iħarsu lejn xulxin u hekk saret il-ħabta. Il-lum hemm *stop sign* li jwaqqaf traffiku li hu ġej mnejn kien ġej il-konvenut, dak iż-żmien li saret il-ħabta ma kienx hemm dan l-i*stop sign*;

L-iskizz juri li l-karozza assikurata ma' l-attur *nomine* kienet x'aktarx lejn il-lemin ta' Triq il-Kbira, u d-direzzjoni tal-*brake marks* turi li s-sewwieq lewa lejn ix-xellug fl-aħħar ftit qabel il-ħabta. Meta kien kontro-eżaminat, is-sewwieq Saviour Portelli, xehed illi "jien kont tiela' għad-dritt u ma ħassejtx li kellu nnaqqas. Ma kontx għaddej *wrong side* għaliex it-triq *one way*". Fil-fatt, iżda, il-parti tat-triq fejn ħabtu l-karozzi mhi *one-way* xejn, kif kellu jistqarr l-istess Portelli aktar 'il quddiem fil-kontro-eżami:

"Naf li vetturi ġejjin mid-direzzjoni ta' fejn kien ġej il-konvenut setgħu jaqsmu biex jippuntaw għan-naħa l-oħra tat-triq, imma normalment qabel jaqsmu jieqfu. Jien ħassejt li kellu d-dritta u l-konvenut ma stajtx narah qabel ma wasalt bi dritt tiegħu";

Il-konvenut xehed li kien laħaq daħal fi Triq il-Kbira u kien xi tliet pulzieri biss 'il barra mill-bankina tax-xellug.

Għalhekk, il-parti tax-xellug tal-karozza tiegħu kienet ingħottija bit-taraġ li jagħti għaz-zuntier tal-Knisja. Il-konvenut fisser il-ħabta hekk:

"Jien kont lħaqt dort 90° u tellagħni fuq il-bankina";

Il-perit legali tefa' l-ħtija fuq il-konvenut għax ra nkonsistenza bejn dak li qal il-konvenut fid-dikjarazzjoni maħlufa minnu u dak li qal l-istess konvenut meta kien qed jixhed quddiem il-perit legali. Fil-fatt, fid-dikjarazzjoni l-konvenut kien qal li "kif ġie mal-ġenb tal-Knisja ta' H'Attard huwa waqaf sabiex jesplora t-triq waqt li meta xehed qal li kien laħaq dar 90° u waqaf mhux biex jesplora t-triq iżda għax ra l-Peugeot ġejja mid-direzzjoni opposta. Din l-osservazzjoni tal-perit legali mhix għal kollox korretta; il-parti tad-dikjarazzjoni tal-konvenut li ġiet riprodotta mill-perit mhix sħiħa: fil-fatt il-konvenut kien iddikjara hekk: "kif ġie mal-ġenb tal-Knisja ta' H'Attard huwa waqaf sabiex jesplora t-triq u ra lill-assikurat ta' l-attur ġej mid-direzzjoni opposta";

Il-perit qal ukoll li mhux minnu li l-Peugeot kien *wrong side* għax it-triq fejn saret il-ħabta hija *one way*, u "fi triq li *one way* m'hemmx *wrong side*". Iżda mhux minnu li l-parti fejn saret il-ħabta hija *one way*, fil-fatt vetturi li joħorġu mnejn ħareġ il-konvenut jistgħu jmorru fejn it-triq li tiġi quddiem il-Knisja, u biex jagħmlu hekk jistgħu jgħaddu f'direzzjoni opposta għal dik mnejn kien għaddej l-assikurat ta' l-attur *nomine*. Għalhekk għamel ħażin l-assikurat ta' l-attur li ħaseb li seta' juża l-wisa' kollha tat-triq għax ħasibha *one way*;

Huwa minnu li s-sewwieq tal-Peugeot kellu l-preċedenza fuq il-konvenut u dan ta' l-aħħar ma setax jinvadi l-karreġġata tal-Peugeot qabel ma jħalliha tgħaddi, iżda ma ninsewx li l-konvenut ma nvadiex il-karreġġata tal-Peugeot għax kien il-

Peugeot li żammet aktar lejn il-lemin milli kien imissha, għax is-sewwieq ħaseb ħażin li t-triq kollha tiegħu. Il-ħabta ma kinitx tiġri li kieku l-assikurat ta' l-attur ma resaqx wisq lejn il-lemin;

Il-Qorti għalhekk ma taqbilx mal-konklużjoni tal-perit legali li tefa' l-ħtija fuq il-konvenut, fil-fehma tal-Qorti ħtija hija ta' l-assikurat ta' l-attur *nomine*;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet ta' l-attur *nomine*, bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu";

Il-Qorti eżaminat il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex tiskolpa lill-konvenut minn kull responsabbilità għas-sinistru fid-dawl tal-provi skarni prodotti u ta' l-aggravji ta' l-attur *nomine* u s-sottomissjonijiet tal-kontendenti dwarhom u ssib li ma tistax tikkondividi l-konklużjoni li waslet għaliha s-sentenza appellata. Il-Qorti hi tal-fehma illi ma ġewx applikati għad-dinamika ta' l-inċident dawk ir-regoli tas-sewqan li kellhom josservaw kull wieħed mis-sewwieqa involuti fis-sinistru. Dawn in-normi kellhom jiġu rigorożament applikati biex il-Qorti tasal biex tistabbilixxi min kien responsabbli għall-inċident. Applikazzjoni approssimattiva bbażata biss fuq dak li wieħed kien mistenni prudentement li jagħmel aktar milli fuq dak li wieħed kien obbligat bir-regolamenti li josserva tista' twassal - kif il-Qorti jidhrilha li waslet f'dan il-każ - għall-konklużjoni żbaljata fir-rigward ta' min kellu jiġi ritenut responsabbli u nċertezza dwar il-kondotta ta' sewqan f'sitwazzjonijiet partikolari li tkun il-preludju ta' kaos fit-toroq;

Dan qed jingħad għaliex jidher li l-Ewwel Qorti naqset milli tapplika sewwa r-regoli li jiggvernaw is-sewqan tal-*main road* u tas-*side road user* u dan wara li l-istess Qorti kienet ġustament u korrettement ikkostatat illi: "huwa minnu illi s-

sewwieq tal-Peugeot (l-assigurata tas-soċjetà attriċi) kellu l-preċedenza fuq il-konvenut u dan ta' l-aħħar ma setax jinvadi l-karreġġata tal-Peugeot qabel ma jħalliha tgħaddi". L-Ewwel Qorti sewwa allura kkostatat illi s-sewwieq tal-Peugeot kien *maid road user* fil-konfront tal-konvenut li kien *side road user* u li allura dan kellu fir-rigward tiegħu r-*right of way*. L-Ewwel Qorti però rriteniet illi ma kienx il-konvenut illi nvada l-karreġġata tal-Peugeot imma "kienet il-Peugeot li żammet aktar lejn il-lemin milli kien imissha għax is-sewwieq ħaseb ħażin li t-triq kienet kollha tiegħu. Li jfisser li l-konvenut ġie skolpit minn kull responsabbilità għaliex is-sewwieq fuq it-triq prinċipali kien qed isuq lejn nofs it-triq jew anke forsi oltrepassa l-linja medjana mmaġinarja tagħha";

Dan hu żbaljat. Hu nfatti paċifiku illi:

"Il-fatt li sewwieq ikun isuq minflok fuq ix-xellug tat-triq kif iridu r-regolamenti, fuq il-*crown of the road* ma kienx deċiżiv għas-soluzzjoni tal-kwistjoni dwar liema sewwieq huwa l-ħtija ta' kolliżjoni li tiġri" (Vol. XXVII.IV.127);

"Sewwieq ta' karozza li jkun fuq in-naħa ħażina tat-triq mhux neċessarjament ikun responsabbli għall-kolliżjoni jekk l-aġir tiegħu ma jkunx ta lok għal dik il-kolliżjoni" (Vol. XLVII.II.966);

Fid-dawl ta' dan l-insenjament hu tista' tgħid rilevanti jekk il-punt partikolari fil-*main road* mnejn kien għaddej is-sewwieq tal-Peugeot immedjatament qabel il-ħabta kienx jew le *one way*. Kien invece rilevanti mhux jekk il-*main road user* kienx jew le qed isuq fuq in-naħa tiegħu tal-karreġġata imma, jekk il-fatt li seta' hekk ma kienx qed isuq, kienx jew le fattur determinanti jew kontributorju għas-sinistru. Hu allura meħtieġ, bħal f'kull kawża li tirrigwarda r-responsabbilità għal sinsistru,

li jiġi stabbilit x'kienet il-kawża prossima u mmedjata ta' l-akkadut. Kawża li trid neċessarjament tiġi determinata mir-responsabbilitajiet li kull wieħed mis-sewwieqa kellu fiċ-ċirkostanzi li fihom kien qed isuq u li allura fil-każ taħt eżami jimportaw fuq kollox eżami ta' l-obbligi tal-konvenut bħala *side road user* waqt li jkun qed jiġi biex jisporġi għal fuq it-triq prinċipali. Hu nnotat illi t-topografija tal-lokalità fejn ġara l-inċident hi waħda partikolari in kwantu hija ferm irregolari u tippreżenta diffikultà speċjalment lis-*side road user* bħal konvenut li biex jikser lejn ix-xellug tiegħu għal ġol-*main road* kellu bilfors jinnaviga *blind corner* ikkreata biż-zuntier tal-Knisja Parrokkjali fuq ix-xellug tiegħu;

Fatt dan li kien jimponi fuq il-konvenut, li kien obbligat li jagħti d-dritta lit-traffiku fuq il-*main road*, dover ta' attenzjoni massima qabel jittanta li jirfes fuq it-triq prinċipali minn posizzjoni fejn *ex admissis* hu qajla seta' jara lejn ix-xellug tiegħu fid-direzzjoni mnejn kienet ġejja l-Peugeot. Infatti l-konfigurazzjoni tat-toroq kienet tali li l-konvenut, li kien jeħtieġlu jsuq rażenti l-ġenb tal-Knisja Parrokkjali, kien qed isuq fi speċi ta' *T Junction* fir-rigward tat-triq prinċipali mnejn kienet tiela' l-Peugeot fuq ix-xellug tiegħu. Ma jistax jingħad allura illi ż-żewġ vetturi kienu qed joqorbu lejn salib it-toroq u anke minn dan biss toħroġ aktar immarkata d-dritta li kellha l-Peugeot u l-obbligu ovvju tal-konvenut li jieqaf u jieqaf sobtu biex jesplora t-traffiku fuq il-*main road*. Hu veru li dak iż-żmien ma kienx hemm *stop sign* mnejn kien ħiereġ il-konvenut u issa hemm. Però, anke mingħajr dan is-sinjal imperattiv xorta waħda l-konvenut kien obbligat skond ir-regolamenti tat-traffiku li jieqaf u jieqaf għal kollox. Del resto hu stess jaċċetta li kien obbligat hekk li jagħmel tant li jafferma illi waqaf biex jesplora t-triq prinċipali;

"Is-sewwieq li jkun dieħel minn *side road* għal ġo *main road* għandu ċerti doveri x'josserva fosthom dak li jċedi għat-

traffiku fuq il-*main road* li jesplora tajjeb il-*main road* qabel ma joħroġ fiha - dak li jmexxi *dead slow* u saħansitra jwaqqaf biex u sakemm jaċċerta ruħu li jista' joħroġ bla ħsara ... Imma jekk il-provi juru li l-kawża prossima kawża tal-kolliżjoni kienet unikament in-negliġenza tas-*side road user* li bl-egħmil tiegħu rrenda l-kolliżjoni inevitabbli l-*main road user* ma għandu l-ebda tort fil-kolliżjoni avolja hu kien qed isuq il-karozza fuq il-*crown* tat-triq, minflok fuq ix-xellug tagħhom kif jippreskrivu r-regolamenti " (Vol. XXXVII.IV.1357, ara ukoll Vol. XL.VI.1243);

Issa, fil-każ taħt eżami, hi d-dikjarazzjoni ġuramentata tal-konvenut annessa man-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu li tinkriminah bħala responsabbli għas-sinistru. Hu jiddikjara illi "kif ġie mal-ġenb tal-Knisja ta' Ħ'Attard huwa waqaf sabiex jesplora t-triq u ra lill-assigurat ta' l-attur ġej mid-direzzjoni opposta". Dikjarazzjon din li ma taqbilx ma' dak li xehed waqt il-kawża meta qal "waqaft għax rajt il-Peugeot mid-direzzjoni opposta". Jekk il-verità kienet l-ewwel versjoni hu ċar li l-konvenut kellu l-obbligu li una volta jkun waqaf biex jesplora l-*main road* - kif kien obbligat li jagħmel - u *ex admissis* ikun ra l-karozza ġejja fuq il-*main road*, hu jibqa' wieqaf u ma jirfisx fuq it-triq prinċipali qabel ma jħalli dik il-karozza tgħaddi. Jekk għal kuntrarju - kif hu probabbli anke mid-daqqiet fuq il-vettura tal-konvenut li kienet tinvesti l-ponta tal-lemin fuq quddiem - it-tieni versjoni hi dik korretta, din bilfors tfisser li l-konvenut laħaq dar għal kollox għal fuq il-*main road* imma qabel ma waqafx biex jesplora kif kien obbligat li jagħmel u fil-punt fejn ir-regolamenti kienu hekk jimponu fuqu. Hu ċar li kieku waqaf kif kellu jieqaf kien jara lis-sewwieq tal-vettura assigurata tas-soċjetà attriċi ġejja. Iċ-ċirkostanzi huma tali li jew ma ħares xejn jew ma ħarisx sewwa jew jekk ħares u ħares sewwa, u kif qal ra l-vettura l-oħra ġejja mid-direzzjoni tax-xellug tiegħu, hu għamel kalkolu ħażin meta ddeċieda li jirfes fuq il-*main road* meta rifes. Hu ovvju illi aktar ma kienet diffikultuża l-manuvra

li ried jagħmel il-konvenut minħabba l-*blind corner* li kellu jinnaviga u aktar ma kienet limitata l-viżwali tiegħu fuq ix-xellug, u aktar ma kienet dejqa u rregolari l-*main road* f'dak it-tratt, aktar kellha tkun id-diliġenza li kelu jeżerċita l-konvenut bħala *side road user*. Żgur li l-konvenut ma kellu l-ebda dritt li jdur 90° għal fuq il-*main road* qabel waqaf biex jesplora t-triq. Kien obbligat li jesplora t-triq f'posizzjoni orizontali in rispett tal-*main road*, l-aktar l-aktar *inching out* għal dak il-minimu meħtieġ biex jirfes fuq il-karreġġata tat-triq prinċipali. U jekk anke b'hekk il-viżwali tiegħu kienet tibqa' ostakolata, hu kien obbligat li ma joħroġx għal fuq dik il-karreġġata qabel ma jitlob jekk meħtieġ l-għajnuna ta' terzi. F'ċirkostanzi bħal dawn il-konvenut kien jipproċedi *at his own risk and peril*. Ma kellu l-ebda dritt jippretendi li l-*main road user* itih id-dritt jew jgħatih l-opportunità li jirfes fuq it-triq prinċipali bil-mod inkonsult kif apparentement u *ex admissis* xiref u ċjoċ li jesplora t-triq prinċipali mhux qabel ma jażżarda jirfes fuqha iżda wara li jkun hekk għamel;

Din il-Qorti ma tistax allura taċċetta l-konklużjoni ta' l-Ewwel Qorti fir-rigward tar-responsabbilità għas-sinistru. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u anke fid-dawl ta' dawk ġusti magħmula mill-perit legali, il-Qorti hi tal-fehma illi r-responsabbilità għas-sinistru għandha tiġi addebitata unikament fuq il-konvenut anke għaliex ma jidher li kien hemm l-ebda kontributorjetà da parti tas-sewwieq tal-vettura assigurata mas-soċjetà attriċi. Ma jirriżultawx elementi li jistgħu jikkwalifikaw lil dan is-sewwieq bħala *main road abuser*. Hu kellu kull dritt li jippretendi li l-ebda vettura ma tażżarda tirfes fuq it-triq prinċipali mit-triq sekondarja mnejn feġġ il-konvenut. Kellu għal kuntrarju kull dritt jippretendi li l-konvenut kien ser jieqaf u jieqaf sobtu qabel joħroġ għal fuq il-*main road* biex minn hemm jesplora t-triq. Il-fatt li dan jidher li ma għamlux, u ċertament ma għamlux fil-punt li kien obbligat mir-regolamenti jieqaf, kien il-kawża prossima, immedjata u determinanti ta' l-

*inċident*;

L-attur *nomine* qed jirreklama l-ammont ta' Lm415.05 f'danni konsegwenzjali għas-sinistru li hu ħallas fl-interess ta' l-assigurat tiegħu u f'liema ammont hu jinsab surrogat fid-drittijiet tiegħu bis-saħħa tal-polza tal-fiġi. Minn dan l-ammont trid tiġi mnaqqsa s-somma ta' Lm25 *excess*. Kif sewwa nnota l-perit legali dawn il-kontijiet jidhru raġonevoli u ma ġewx ikkontestati. Kollox sar skond is-*survey report* tal-Kaptan Stephen Micallef u għalhekk il-konvenut irid iħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm390.05. Ammont li ġie mitlub mill-attur *nomine* bi preċiżjoni fl-att taċ-ċitazzjoni u li kien qabel interpellah iħallas uffiċjalment b'ittra uffiċjali tas-26 ta' Novembru, 1990. Din il-Qorti qiegħda għalhekk tillikwida l-ammont dovut f'din is-somma;

Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi milqugħ u s-sentenza appellata revokata. It-talbiet ta' l-attur *nomine* kif dedotti qed jiġi milqugħa u konsegwentement il-Qorti qed tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur *nomine* in sodisfazzjon u għas-saldu ta' dawn it-talbiet l-ammont ta' Lm390.05 bl-imgħax dekorribbli mid-data tan-notifika lill-konvenut ta' l-ittra uffiċjali tas-26 ta' Novembru, 1990. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandu jħallashom il-konvenut.